MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH R. MICALLEF**

Seduta tas-26 ta' April, 2010

Citazzjoni Numru. 2718/1996/1

Salvatore u Audrey konjuġi **DEMANUELE**

vs

David **COLEIRO**

**Il-Qorti:**

Rat l-Att taċ-Ċitazzjoni mressaq fit-13 ta’ Settembru, 1996, li bih u għar-raġunijiet hemm imsemmija, l-atturi talbu li din il-Qorti (a) ssib li, fid-dawl tal-frodi, ingann u/jew żbalji tal-imħarrek fl-okkażjoni ta’ appalt li huma tawh biex jagħmel xogħol ta’ tqeghid ta’ madum f’bosta partijiet ta’ post tagħhom fi Triq il-Għajn, Swieqi, huma ħallsu somom sostanzjali ta’ flus lill-istess imħarrek bla ma kien hemm raġuni għaliex dan kellu jsir, u għalhekk issib li l-imħarrek għandu jroddilhom lura s-somom li laqa’ għandu indebitament, f’dak l-ammont li l-istess Qorti tillikwida; (b) tillikwida, jekk meħtieġ bil-ħidma ta’ periti minnha

maħturin, is-somma mħallsa minnhom indebitament lill-imħarrek u dan b'riferenza għaċ-ċirkostanzi kollha materjali għar-rapporti ġuridiċi bejn il-partijiet, magħduda fost l-oħrajn, il-patti miftehma bejniethom, is-somma attwalment imħallsa lill-imħarrek, ir-rati miftehma, il-kejl tax-xogħol imqiegħed u l-prezz imħallas lill-imħarrek għax-xiri tal-madum imqabbel mal-prezz veru tiegħu; u (ċ) tikkundanna lill-imħarrek iroddilhom lura s-somma hekk likwidata mħallsa lilu indebitament, bl-imgħax fuq l-imsemmija somma b'seħħ minn dak inhar li sar il-ħlas indebitu, jew minn data oħra li l-Qorti jista' jidhrilha aktar xierqa, sal-jum tal-ħlas effettiv. Talbu wkoll l-ispejjeż;

Rat id-degriet tagħha (diversament presjeduta) tat-30 ta' Settembru, 1997[1], li bih waqfet milli tagħti s-sentenza fuq ix-xhieda mismugħa quddiemha dak inhar, wara li saret talba għal daqshekk mill-avukat tal-imħarrek;

Rat id-degriet mogħti fit-12 ta' Jannar, 1998[2], li bih laqgħet it-talba tal-imħarrek biex ineħħi l-kontumaċja tiegħu u biex jitħalla jikkontesta l-kawża;

Rat in-Nota tal-Eċċezzjonijiet imressqa mill-imħarrek fit-12 ta' Jannar, 1998 li biha laqa' għat-talbiet attriċi billi qal li ma jeżistux l-elementi għat-talba tal-atturi ladarba ngħata flus taħt obbligazzjoni ċivili. Żied jgħid li t-talbiet attriċi wkoll m'għandhomx jintlaqgħu għaliex huwa wettaq dak kollu li kien tqabbad jagħmel u l-ħlas li ngħatalu kien skond dak miftiehem mal-atturi nfushom. Ċaħad li kien wettaq xi qerq jew frodi;

Rat il-Kontro-Talba mressqa mill-imħarrek flimkien mal-imsemmija Nota tal-Eċċezzjonijiet li biha, u għar-raġunijiet hemm imfissra, talab li din il-Qorti (a) tikkundanna lill-atturi rikonvenuti jħallsuh dik is-somma li hija, jekk meħtieġ bil-ħidma ta' periti minnha maħturin, tillikwida bħala prezz għax-xiri u t-tqegħid minnu ta' madum f'taraġ tal-post tal-istess atturi li tiegħu baqgħu ma ħallsuhx. Talab ukoll l-ispejjeż;

[1] Paġ. 9 tal-proċess
[2] Paġ. 26 tal-proċess

Rat in-Nota tal-Eċċezzjonijiet imressqa mill-atturi rikonvenuti fit-22 ta’ Jannar, 1998, li biha ċaħdu l-kontro-talba tal-imħarrek billi qalu li kienu diġa’ ħallsuh iżżejjed għax-xogħlijiet li huwa kien għamlilhom u f’kull każ ix-xogħol tax-xiri u tat-tqegħid tal-madum tat-taraġ kien tħallas skond kif kien miftiehem bejn il-partijiet qabel ma sar ix-xogħol;

Rat id-degriet tagħha (diversament presjeduta) tat-3 ta’ April, 1998[3], li bih ħatret lill-Perit Arkitett Albert Fenech bħala perit tekniku, liema ħatra kienet aħjar imfissra f’degriet ieħor tat-8 ta’ Mejju, 1998[4];

Rat in-Nota mressqa fil-15 ta’ Frar, 2002[5], li biha l-avukat difensur tal-imħarrek irrinunzja għall-patroċinju tiegħu, liema rinunzja ttenniet b’nota oħra (!) f’Novembru tal-2002;

Rat ir-Relazzjoni mressqa mill-imsemmi Perit Tekniku fit-18 ta’ Mejju, 2004[6], u minnu maħlufa kif imiss waqt is-smigħ tat-12 ta’ Ottubru, 2004;

Rat id-dikjarazzjoni magħmula mill-avukat tal-atturi waqt is-smigħ tad-9 ta’ Frar, 2005, li l-atturi kienu joqogħdu għall-fehmiet milħuqin mill-istess perit tekniku;

Rat li minkejja l-opportunita’ wiesgħa mogħtija lill-imħarrek biex jirregola ruħu kemm dwar il-patroċinju tiegħu u kif ukoll dwar il-fehmiet tal-perit tekniku, baqa’ ma wera l-ebda interess li jagħmel sottomissjonijiet fir-rigward;

Rat l-atti kollha tal-kawża;

Rat id-degrieti li bihom il-kawża tħalliet għas-sentenza;

***Ikkunsidrat:***

---
[3] Paġ. 37 tal-proċess
[4] Paġġ. 38 – 9 tal-proċess
[5] Paġ. 76 tal-proċess
[6] Paġġ. 90 sa 129 tal-proċess

Illi din hija azzjoni għal rifużjoni ta' indebitu, b'kontro-talba għall-ħlas ta' xogħol imwettaq li baqa' ma tħallasx. L-atturi kienu qabbdu lill-imħarrek jagħmlilhom xogħol ta' tqegħid ta' madum fi bnadi differenti ta' post tagħhom fi Triq il-Għajn, fis-Swieqi. Huma kienu qabbduh jieħu ħsieb ukoll jixtri l-madum meħtieġ. L-atturi ħallsu lill-imħarrek il-flus li talabhom, imma meta, wara, qabblu t-tagħrif li kellhom mal-kejl tal-madum li tqiegħed fil-post, sabu li kienu ntalbu flus aktar minn kemm kien jiswa l-istess madum u kemm kien miftiehem jitħallas l-imħarrek. Huma jridu li ż-żejjed li ħallsuh iroddulhom lura. Jgħidu li għalkemm għall-bidu l-imħarrek kien stqarr li kien tħallas iżżejjed, baqa' ma żammx kelmtu biex irodd lura dak l-ammont;

Illi, għal din l-azzjoni l-imħarrek laqa' billi ċaħad li tħallas xi ammont aktar minn dak lilu mistħoqq jew minn dak miftiehem. Saħaq li kulma ntalab jagħmel fl-appalt kien wettqu sewwa u, għall-kuntrarju, qal li dwar xi xogħol ta' tqeghid ta' madum li huwa kien intalab jagħmel quddiem il-bieb ta' barra tal-istess post, ma kienx tħallas. Dwar dan, ressaq talba rikonvenzjonali;

Illi, għal dik il-kontro-talba, l-atturi rikonvenuti laqgħu billi ċaħdu li huma kellhom iħallsu aktar flus lill-imħarrek. Fuq kollox, qalu li dak li hu qiegħed jippretendi l-ħlas tiegħu kien riżultat ta' xogħol ħażin li sar mill-ewwel minnu stess;

Illi, mill-fatti li joħorġu mill-atti jirriżulta li l-atturi huma s-sidien ta' post bl-isem ta' "*Il Paesaggio*" fi Triq il-Għajn, fis-Swieqi. Għall-ħabta ta' nofs l-1995, hu u għaddej ix-xogħol tal-kisi u t-tikħil tal-imsemmi post, il-ħaddiem li kien qiegħed jagħmel dak ix-xogħol irrakkomanda lill-atturi li għat-tqegħid tal-madum jaħtru lill-imħarrek. Sadattant, sakemm kien għaddej ix-xogħol f'dak il-post, l-atturi kienu qegħdin joqogħdu f'post ieħor fis-Swieqi wkoll. Kien l-istess ħaddiem li ħadhom għand l-imħarrek u laqqagħhom miegħu f'remissa f'Raħal Ġdid[7]. Ix-xogħol tal-madum kien meħtieġ fuq tliet sulari tal-post kollu[8], u kien jinkludi kemm

[7] Affidavit tal-attriċi 22.1.1999, f'paġ. 45 tal-proċess
[8] Ara d-Dok "AD1", f'paġ. 167 tal-proċess

madum ta' suriet differenti fuq ġewwa u kif ukoll madum "terracotta" għall-ambjenti ta' barra[9];

Illi l-għażla tal-madum u l-ftehim dwar it-tqegħid tiegħu sar l-għada fid-dar tal-atturi, wara li l-imħarrek serrħilhom moħħhom li jekk jafdawh jieħu ħsieb ukoll ix-xiri tal-madum mingħand ditta ta' nies jiġu minnu, il-prezz kien jiġihom ħafna irħas milli kieku kellhom imorru jixtruh huma stess mingħand dik id-ditta. L-imħarrek kien jieħu ħsieb iwassal il-madum huwa nnifsu fid-dar tal-atturi u kien jaqtagħlhom qalbhom milli jmorru jaraw il-madum fl-istabiliment minnu msemmi. Kemm hu hekk, meta fl-aħħar marru, kien irid ikun magħhom. Wara li ħafna mix-xogħol kien tlesta, l-atturi riedu jibdlu xi madum milli nxtara iżda ntebhu li l-isem tad-ditta li kien tahom l-imħarrek kien ivvintat;

Illi meta l-atturi seħħilhom jixtru direttament mingħand id-ditta li mingħandha l-imħarrek kien qiegħed iġib il-madum, sabu li l-prezzijiet li ntalbu jħallsu kienu irħas minn kemm kien qiegħed jiffaturalhom l-imħarrek[10]. Irriżulta wkoll li wħud mit-tipi ta' madum li pprovda ma kinux minn tad-ditta li kien ħadhom għandha u li ma kienx minnu li qraba tal-imħarrek kienu tassew imexxu dik id-ditta. L-atturi jgħidu li, wara li saru jafu b'dan kollu u għamlu t-tiftix u l-aċċertamenti tagħhom[11], l-imħarrek mar id-dar tagħhom u stqarr magħhom dak li kien għamel, u saħansitra ried li jroddilhom lura somma flus dak il-ħin stess;

Illi f'Lulju tal-1996, l-atturi bagħtu jinterpellaw b'ittra uffiċjali lill-imħarrek biex iħallashom. Il-kawża nfetħet f'Settembru tal-1996;

Illi f'dan il-każ, il-konsiderazzjonijiet ta' natura legali li din il-Qorti mistennija tagħmel jirrigwardaw kemm l-aspetti tat-talba ewlenija tal-atturi u xejn anqas dawk tal-kontro-talba li hija msejsa fuq bażi legali differenti, imma marbuta mal-fatti mnissla mill-azzjoni attriċi;

---

[9] Dok "AD4", f'paġġ. 187 – 9 tal-proċess
[10] Xhieda ta' Carmelo Galera 19.2.2001, f'paġġ. 149 sa 151 tal-proċess
[11] Xhieda ta' Sunny Gatt 15.10.1999 u Dok "AD5", f'paġġ. 140 – 2 u 190 – 1 tal-proċess

Illi **dwar l-azzjoni attriċi**, din tinbena fuq dak li jiddisponi l-artikolu 1022 tal-Kodiċi Ċivili. L-imsemmi artikolu jagħti l-jedd lil min iħallas dejn li bi żball jaħseb li għandu jħallas li jiġbor lura dak il-ħlas. Marbut ma' din ir-regola wieħed imbagħad isib dik l-oħra li trid li min bla jedd ikun irċieva l-ħlas ta' somma flus għandu jroddha lura u jekk, biex irċieva dak il-ħlas ikun għamel dan bil-ħażan, għandu jrodd ukoll l-imgħaxijiet minn dak inhar li jkun irċieva dak il-ħlas mhux mistħoqq[12];

Illi l-każ li l-Qorti għandha quddiemha jirreferi għal dak magħruf bħala indebitu oġġettiv[13]. Ir-regola tal-liġi dwar ir-radd lura ta' dak li jkun ingħata bla mistħoqq tibqa' tgħodd minkejja li min irċieva l-ħlas kien jemmen li kellu jedd għalih, għaliex il-mala fidi ta' min ikun irċieva l-ħlas tgħodd biss biex wieħed iqis kemm għandu jrodd lura lil dak li jkun wettaq il-ħlas[14];

Illi, għalhekk, tkun mistħoqqa wkoll l-azzjoni għar-radd lura tal-ħlas indebitu fejn jirriżulta li l-ftehim li bis-saħħa tiegħu ikun sar ħlas bħal dak ikun, għal xi raġuni maħsuba fil-liġi, null jew b'mod ieħor vizzjat[15]. Kemm hu hekk jinsab imfisser li "*L'azione di ripetizione d'indebito oggettivo, in quanto ha per unica effettiva base l'assoluta inesistenza dell'obbligazione che il solvens ha materialmente adempiuta col pagamento non dovuto, non e` in sostanza che un'azione di nullita` per mancanza di causa, che ha per presupposto la mancanza dell'accipiens del diritto di acquistare il bene o il valore patrimoniale trasmessogli dal solvens, prescinde dal verificarsi del danno ed ha natura autonoma e principale*"[16]. Fuq kollox, azzjoni bħal din hija waħda personali li tista' ssir biss kontra dik il-persuna li mingħandha jintalab ir-radd lura tal-ħlas imwettaq[17];

Illi huwa prinċipju aċċettat ukoll li l-azzjoni tar-radd lura tal-ħlas mhux mstħoqq tista' titressaq ukoll fejn, għalkemm xi

[12] Art. 1023 tal-Kap 16
[13] Ara A. Torrente _Manuale di Diritto Privato_ (Giuffre', 9[a.] Ediz,) § 386, paġġ. 632 – 3
[14] P.A. GCD **26.10.2001** fil-kawża fl-ismijiet ***Accountant General et vs Frances Aġius***
[15] Kumm. **11.4.1961** fil-kawża fl-ismijiet ***Grech vs Abela*** (Kollez. Vol: **XLV.iii.782**)
[16] Cass. **30.12.1970,** nru. 2748
[17] Caruana Galizia _Notes on Civil Law – Of Obligations_, paġ. 309

ħlas kien mistħoqq, ikun tħallas aktar mill-ammont tassew dovut[18]. Din hija l-qagħda li ssib quddiemha l-Qorti f'dan il-każ tal-lum;

Illi biex isseħħ l-azzjoni tal-ħlas lura tal-indebitu jeħtieġ li jirriżultaw flimkien tliet elementi jiġifieri: (a) il-ħlas, (b) in-nuqqas tal-kawża għal dak il-ħlas u (ċ) l-iżball ta' min wettaq il-ħlas, u dan għaliex jekk min ħallas kien jaf li ma kienx hemm għalfejn iħallas, wieħed għandu jqis li kellu f'moħħu li jagħmel att ta' liberalita'[19]. Jekk kemm-il darba jonqos xi wieħed minnhom, l-azzjoni taqa'[20], u l-piż tal-prova tal-eżistenza ta' dawn l-elementi jaqa' fuq min jallega li jkun ħallas bla mistħoqq[21]. Iżda fid-dawl ta' dak li jiddisponi l-artikolu 1147 tal-Kodiċi Ċivili, hemm il-fehma li lanqas huwa meħtieġ li s-*solvens* jipprova l-iżball fejn l-indebitu ikun wieħed oġġettiv[22]. F'dak il-każ, jaqa' fuq il-parti attriċi li tipprova biss il-ħlas u kif ukoll l-ineżistenza tal-kawża li wassalha biex tagħmel dak il-ħlas;

Illi minħabba li l-għan ta' din l-azzjoni huwa wieħed li jintegra l-patrimonju ta' min ikun ħallas bla ma kellu għalfejn[23], hemm fehma li dik l-azzjoni ma tistax tirnexxi jekk kemm-il darba min jippretendi r-radd lura ta' ħlas minnu magħmul ikun diġa' b'xi mod ieħor tħallas lura[24];

Illi għal dak li jirrigwarda ċ-ċirkostanzi tal-każ tal-lum, mill-ġabra sħiħa ta' provi mressqa u mill-kostatazzjonijiet li wettaq il-perit tekniku, jirriżulta li l-atturi ħallsu dak li ntalbu għaliex afdaw b'għajnejhom magħluqa. Joħroġ li l-atturi kienu fi żball u li dan kien żball "*di fatto*" li tnissel mill-abbuż imwettaq fil-konfront tagħhom mill-imħarrek li żewwaq il-qagħda ta' ħlas "leġittimu" tax-xogħol li tassew kien jistħoqqlu jirċievi bit-talba ta' ammonti ogħla li ma kellux l-ebda jedd li jitlob. F'dan il-każ, sal-waqt rilevanti li kien qed isir il-ħlas, l-atturi ma kinux jafu li dak li qegħdin

---

[18] App. Ċiv. **5.10.1998** fil-kawża fl-ismijiet ***Azzopardi et noe vs Ċiantar noe et*** (Kollez. Vol: **LXXXII.ii.790**)
[19] P.A. PS **16.12.2002** fil-kawża fl-ismijiet ***Korporazzjoni Enemalta vs Renato Sacco***
[20] Ara P.A. **25.5.1954** fil-kawża fl-ismijiet ***Bianco vs Pellegrini Petit*** (Kollez. Vol: **XXXVIII.ii.483**)
[21] Maġ. (Għ) AE **25.1.2008** fil-kawża fl-ismijiet ***Anthony Refalo et vs Roger Xuereb***
[22] P.A. PS **12.10.2005** fil-kawża fl-ismijiet ***Maria Galea vs Grace Borġ*** (konfermata mill-Qorti tal-Appell fid-**29.2.2008)**
[23] Ara, per eżempju, P.A. GV **3.10.2007** fil-kawża fl-ismijiet ***Charles Ellul Sullivan noe vs Il-Kontrollur tad-Dwana*** (mhix appellata)
[24] P.A. RCP **2.10.2001** fil-kawża fl-ismijiet ***Paolo Bonniċi Ltd. vs il-Kontrollur tad-Dwana***

iħallsu ma kienx kollu dovut[25]. Fil-fehma tal-Qorti dan huwa prova ta' dik il-qagħda mentali li tixhed l-iżball;

Illi, min-naħa tal-imħarrek, toħroġ stampa ta' nisġa maħduma minnu bizzilla biex, minbarra li jitħallas dak li kien miftiehem, jikseb iżjed bla mistħoqq. L-imħarrek jidher li għaraf li l-atturi kienu mħabbtin bil-proġett tal-bini tal-post u bin-negozju tal-attur u kien seħħlu jikseb il-fiduċja għamja tagħhom. Inqeda b'dik il-fiduċja għamja billi ħareġ għonqu u tħabat biex jidher li kien qed jaqdihom mill-koxxa u jiksbilhom prezzijiet vantaġġużi. Webbilhom li bl-arranġament li hu kien issuġġerielhom, kienu qegħdin jixtru bl-aqwa prezzijiet li qatt setgħu jobsru, u b'dan il-mod ħajjarhom li jixtru biss minghandu u kif ippropona hu. Kien saħansitra jieħu l-briga biex joħdilhom il-kampjuni d-dar tagħhom biex jevita li jħallihom jiltaqgħu ma' min kien tassew qiegħed jipprovdilu l-materjal. Taħt l-iskuża li kien qed jiffrankalhom l-infieq tal-ġarr tal-materjal, kien saħansitra wasal biex ġabilhom il-materjal hu stess u jqiegħdu minnufih fuq il-post;

Illi jirriżulta wkoll li b'dan il-mod, mhux biss kien f'qagħda li jitlob prezz li ma kienx jaqbel ma' dak minnu tassew minfuq, imma li ta' dan it-taħbit kollu kien qiegħed jingħata wkoll kummissjoni mingħand min kien qed ifornih bil-materjal li qiegħed fil-post tal-atturi. Irriżulta li lill-atturi kien qed jindikalhom differenza ta' kejl (favurih) ta' madwar terz ta' metru kwadu ($0.3m^2$) f'kull kaxxa madum li kien qed iġibilhom, u ta' dan jitlob prezz li kien ogħla bl-ekwivalenti ta' żewġ euro u nofs (€2.50) fuq kull kaxxa. Mill-provi mressqa joħroġ li t-tgħawwiġ tat-tagħrif mogħti lill-atturi mill-imħarrek kien qed isir kemm fuq il-kwantita' tal-madum mixtri u kif ukoll fuq il-prezz li bih kien qed jinxtara[26]. Il-ħażen tal-imħarrek f'dan il-każ joħroġ kemm mill-fatt li hu kien jiskoraġġihom milli jżuru waħedhom lill-istabiliment mnejn kien qed jixtri l-materjal (jekk ma jkunx magħhom hu), imma l-aktar bil-fatt li kien beda jippreżenta lill-atturi fatturi foloz b'isem ta' kumpannija li mhux minnu kienet dik li mingħandha kien qed jixtri l-materjal provdut;

---

[25] Ara P.A. **25.4.1935** fil-kawża fl-ismijiet ***Mifsud vs Cesareo*** (Kollez. Vol: **XXIX.ii.453**)
[26] Ara § 69 tar-Relazzjoni f'paġ. 125 tal-proċess

Illi fid-dawl ta' dawn il-fatti ċari, u fin-nuqqas ta' mqar l-iċken spjegazzjoni min-naħa tal-imħarrek biex ifisser x'wasslu biex jagħmel dan jew li dak li jidher kellu spjegazzjoni oħra, din il-Qorti tasal għall-fehma li l-ħlas li sar żejjed lill-imħarrek kien ir-riżultat ta' żball min-naħa tal-atturi indott minn nisġa ta' ħażen imfassla mill-imħarrek fuq medda ta' żmien. Dan iġib miegħu l-ħtieġa li mhux biss irid irodd lura xi ħlas żejjed li seta' ngħata, imma li jrodd dak il-ħlas flimkien mal-imgħax minn dakinhar tal-ħlas;

Illi dwar il-ħlas żejjed, l-atturi kienu għamlu l-konteġġ tagħhom[27] qabel ma fetħu l-kawża. Reġgħu tennew b'mod jew ieħor l-istess ħwejjeġ waqt l-għoti tax-xhieda tagħhom. Huma żiedu wkoll jippretendu xi nfieq ieħor – bħama huma kontijiet ta' telefonati fuq ċellolari, l-ispejjeż tal-persuna li qabbdu biex jagħmel il-kejl xieraq tal-madum imqiegħed u "xogħol mhux imwettaq" – li din il-Qorti ma tistax tgħoddu mal-kawżali tal-ħlas indebitu. Sewwa għamel il-perit tekniku li, fid-dawl ta' dawn il-pretensjonijiet, deherlu li ma kinux ħobż għal snienu u ma kinux jaqgħu fil-parametri tal-ħatra teknika tiegħu[28];

Illi, madankollu, meta wieħed iqabbel l-aċċertamenti magħmulin mill-perit tekniku fuq il-provi dokumentali li kellu u fuq il-kostatazzjonijiet miksubin minnu f'mhux anqas minn tliet aċċessi fuq il-post, toħroġ stampa dettaljata u konkreta li ma tmurx 'il bogħod mill-ammont pretiż mill-atturi. Il-Qorti tirreferi biss għall-konteġġi mehmużin mar-Relazzjoni peritali[29] u tagħmilhom tagħha. Dawk il-konteġġi jiflu ħaġa b'ħaġa l-aspetti kollha tal-appalt mogħti lill-imħarrek u minnhom tinstilet stampa ċara ta' kemm kellu jkun l-ammont dovut. Dwar l-ammont tassew imħallas, l-atturi jsemmu s-somma ta' ħdax-il elf ħames mija u sebgħa u tmenin lira Maltin u tlieta u tletin ċenteżmi (Lm 11,587.33)[30]. Irid jingħad li l-atturi ressqu kopji ta' *cheques* li juru l-ħlas minnhom imwettaq, imma ma ġabux prova b'dan il-mod tal-ammont kollu hawn

[27] Dok "AD3", f'paġġ. 183 – 6 tal-proċess
[28] Ara § 77 tar-Relazzjoni f'paġ. 128 tal-proċess
[29] Ara d-Dok "AF1" mar-Relazzjoni f'paġġ. 130 – 3 tal-proċess
[30] Li jġibu € 26,991.22 fi flus tal-lum

imsemmi[31]. L-attriċi xehdet[32] li kull ħlas kien isir b'*cheque*. Ma kinitx tkun ħaġa impossibbli li l-atturi jressqu kopja tagħhom jew imqar tal-"mamma" tal-istess *cheques.* Madankollu, huwa aċċettat li l-prova tal-ħlas ma ssirx biss b'dak il-mod. Il-Qorti tqis li l-atturi ħalfu dan id-dettal sa mill-bidu tal-kawża u, min-naħa tiegħu, l-imħarrek bl-ebda mod ma miera dak il-fatt. Għall-kuntrarju, seħaq li hu kien tħallas dak l-istess ammont għaliex kien jistħoqqlu u, minbarra dan, ippretenda bil-kontro-talba tiegħu li jitħallas aktar ukoll. Il-Qorti sejra toqgħod fuq il-fatt tal-ħlas ta' dik is-somma bħala fatt pruvat;

Illi l-perit tekniku wasal għall-fehma li l-ammont li l-imħarrek messu talab kien ta' sebat elef mitejn u tmien liri Maltin u erbgħa u tmenin ċenteżmi (Lm 7,208.84)[33]. Dan ifisser li l-atturi ħallsu żejjed is-somma ta' qrib l-għaxart elef u mitejn euro (€ 10,200). Din hija s-somma li trid tintradd lura lilhom, flimkien mal-imgħax;

Illi l-liġi tgħid li l-imgħax f'każ ta' indebitu mnissel mill-ħażen (mala fidi) ta' min ikun tħallas għandu jgħaddi minn dak inhar tal-ħlas. Mill-provi mressqa mill-atturi, dawn id-dati ma jirriżultawx b'mod ċar. Il-Qorti ma tistax toqgħod fuq id-dati murija fuq il-kopji taċ-*cheques* esebiti. Dan qiegħed jingħad għaliex, kif ingħad qabel, l-ħlasijiet imwettqa kienu, fil-biċċa l-kbira minnhom, tassew dovuti. Ma jistax jingħad jekk il-provi mressqa dwar il-ħlasijiet magħmulin b'*cheque* kinux jirreferu għal ħlasijiet li kienu tassew dovuti. Għalhekk, il-Qorti sejra tuża d-data tal-interpellazzjoni uffiċjali bħala l-jum li minnu għandu jibda għaddej l-imgħax relattiv, għaliex dak huwa l-ewwel att jew prova attendibbli li jistabilixxi b'ċertezza fatt li seta' ġie pruvat mod ieħor mill-atturi;

Illi l-Qorti sejra issa tqis is-siwi **tal-azzjoni rikonvenzjonali** mressqa mill-imħarrek. Dwar dan ftit hemm x'jingħad. Fl-ewwel lok, l-imħarrek innifsu ma

---

[31] Ara § 75 tar-Relazzjoni f'paġ. 127 tal-proċess
[32] Fil-kontro-eżami 10.4.2002, f'paġ. 161 tal-proċess
[33] Li jġibu € 16,792.08 fi flus tal-lum

xehed qatt u wisq anqas ressaq provi biex isostni l-pretensjoni tiegħu. Fit-tieni lok, hemm xhieda li turi li dak li jrid jitħallas għalih kien, fil-fatt, xogħol li tiegħu kien diġa talab (u ngħata) ħlas kif miftiehem u, fuq kollox, kien xogħol li hu nnifsu kien aċċetta li jerġa' jagħmel biex bidel medda ta' madum li kien qiegħed fit-taraġ tad-dħul tal-post tal-atturi xi żmien qabel u li nqasmet kollha ftit wara li tqiegħdet;

Illi din ix-xhieda ttenni l-eċċezzjoni tal-atturi rikonvenuti, u għalhekk l-istess eċċezzjoni sejra tintlaqa' u b'riżultat il-Qorti sejra tiċħad l-azzjoni rikonvenzjonali;

Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi l-kawża billi:

**Tiċħad l-eċċezzjonijiet tal-imħarrek** għaliex m'humiex mistħoqqa la fil-fatt u lanqas fid-dritt;

**Tilqa' l-ewwel talba attriċi** u ssib li l-imħarrek qarraq bl-atturi biex kiseb ħlas li ma kellux jedd għalih u li għalhekk għandu jrodd lura bl-imgħaxijiet legali;

**Tilqa' t-tieni talba attriċi** u tillikwida l-ammont ta' flus imħallsin indebitament lill-imħarrek fis-somma ta' għaxart elef u mitejn euro (€10,200);

**Tilqa' t-tielet talba attriċi** u tikkundanna lill-imħarrek iħallas lura lill-atturi s-somma ta' € 10,200 hekk likwidata, flimkien mal-imgħax legali fuq dik is-somma li, għall-finijiet ta' din is-sentenza u fin-nuqqas ta' prova aktar ċara, għandu jitqies li bdew jgħaddu b'seħħ mill-ħdax (11) ta' Lulju, elf disa' mija u sitta u disgħin (1996), sal-jum tal-ħlas effettiv;

**Tiċħad it-talba rikonvenzjonali** tal-imħarrek billi tirriżulta mingħajr bażi fil-fatt u fid-dritt; u

**Tikkundanna** lill-imħarrek iħallas l-**ispejjeż tal-kawża**, kemm dawk marbutin mal-azzjoni ewlenija u kif ukoll dawk marbutin mal-azzjoni rikonvenzjonali.

**Moqrija**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------